IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

# Opinjoni 06/2022

(skont l-Artikolu 322(1), TFUE)

## dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) [2022/0162 (COD)]

# Werrej

Paragrafu

**Introduzzjoni** 01 - 03

**Osservazzjonijiet ġenerali** 04 - 05

**Kummenti speċifiċi** 06 - 48

**Reġistrazzjoni u ħżin tad-*data* dwar ir-riċevituri ta' finanzjament mill-UE, u estrazzjoni ta' *data*** 07 - 12

**Akkwist pubbliku fil-livell tal-UE u esperti esterni remunerati** 13 - 18

**Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES)** 19 - 22

**Kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għal inizjattivi globali** 23 - 26

**Teħid u għoti b'self** 27 - 31

**Rappurtar dwar strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji** 32 - 34

**Proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-Unjoni li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku** 35 - 38

**Bidliet mixxellanji** 39 - 48

Artikolu 25 – Donazzjonijiet 40 - 41

Artikolu 33 – Prestazzjoni u prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja 42 - 43

Artikolu 252 – Approvazzjoni tal-kontijiet konsolidati finali 44 - 48

**Anness**

**Bidliet proposti**

# Introduzzjoni

**01** Fis-16 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għal emenda mmirata tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ir-Regolament Finanzjarju). Il-bażi ġuridika tal-proposta tal-Kummissjoni tfisser li l-konsultazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija obbligatorja[1], u kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew talbuna l-fehmiet tagħna fit-2 ta' Settembru u fit-13 ta' Settembru 2022, rispettivament. Din l-opinjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' konsultazzjoni.

**02** Il-Kummissjoni tiġġustifika din ir-reviżjoni permezz tal-ħtieġa li r-Regolament Finanzjarju jiġi allinjat mal-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) sabiex tinżamm ġabra unika ta' regoli li jirregolaw in-nefqa tal-Unjoni. Dan ifisser li r-regoli finanzjarji ġenerali kollha jiġu inklużi fir-Regolament Finanzjarju, u dan bil-għan li tiġi pprovduta ċertezza legali akbar għall-istituzzjonijiet tal-UE u r-riċevituri ta' fondi tal-UE.

**03** Barra minn hekk, il-Kummissjoni inkludiet emendi oħra fil-proposta sabiex:

- jiġu implimentati t-titjib u s-simplifikazzjonijiet li ġew identifikati minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament Finanzjarju tal-2018;
- ikun hemm rispons għal avvenimenti u tendenzi reċenti, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-ġestjoni tal-kriżijiet;
- jiġu protetti aħjar l-interessi finanzjarji tal-UE (eż. permezz ta' użu akbar tad-diġitalizzazzjoni); u
- isir kontribut aħjar biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika tal-UE u biex tinkiseb aktar simplifikazzjoni għar-riċevituri tal-fondi tal-UE.

[1] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 322(1)(a).

# Osservazzjonijiet ġenerali

**04** Il-Kummissjoni pproponiet li ssir riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju minflok reviżjoni. Il-Kummissjoni tiddikjara li r-riformulazzjoni għandha l-għan li tilħaq "… ekwilibriju tajjeb billi l-attenzjoni tingħata lil dawk il-modifiki li huma verament meħtieġa". Riformulazzjoni tirriżulta fl-adozzjoni ta' att legali ġdid li jinkorpora, f'test uniku, emendi sostantivi għal att li jkun sar qabel, kif ukoll id-dispożizzjonijiet mhux mibdula li jkun fadal. L-att legali l-ġdid għaldaqstant jissostitwixxi u jħassar il-verżjonijiet preċedenti kollha tal-att.

**05** F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2001[2] dwar l-użu tat-teknika ta' kitba mill-ġdid, jenħtieġ li l-*memorandum* ta' spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta jinkludi ġustifikazzjoni għall-iskattar tar-riformulazzjoni, u jispjega r-raġunijiet għall-adozzjoni ta' tali approċċ, flimkien mar-raġunijiet għal kull emenda sostantiva proposta. Dan jirrikjedi li l-proposta għal riformulazzjoni tiġi ppreżentata b'mod li jiddistingwi b'mod ċar l-emendi sostantivi u l-premessi l-ġodda mid-dispożizzjonijiet mhux mibdula. Abbażi tal-analiżi tagħna tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali u l-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni għar-riformulazzjoni inkluża fil-*memorandum* ta' spjegazzjoni, aħna nqisu li l-proposta tal-Kummissjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet biex issir riformulazzjoni.

[2] Ftehim interistituzzjonali fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali, iffirmat fit-28 ta' Novembru 2001 (2002/C 77/01).

# Kummenti speċifiċi

**06** Din it-taqsima tippreżenta l-kummenti tagħna dwar emendi speċifiċi proposti mill-Kummissjoni. L-opinjoni tagħna hija strutturata madwar il-kwistjonijiet li ġew identifikati mill-Kummissjoni f'sensiela ta' "dokumenti informali" (dokumenti mhux uffiċjali) li l-Kummissjoni kkondividiet mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-QEA bil-ħsieb li tispjega l-emendi proposti. Aħna nkopru biss dawk il-kwistjonijiet li dwarhom għandna kummenti speċifiċi x'nagħmlu.

## Reġistrazzjoni u ħżin tad-*data* dwar ir-riċevituri ta' finanzjament mill-UE, u estrazzjoni ta' *data*

**Artikoli kkonċernati**

- Artikolu 2 – Definizzjonijiet;
- Artikolu 36 – Kontroll intern tal-implimentazzjoni tal-baġit; u
- Artikolu 275 – Dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

**Sfond**

**07** Il-Ftehim Interistituzzjonali[3] tas-16 ta' Diċembru 2020 jipprevedi l-ġbir ta' informazzjoni u ċifri dwar ir-riċevituri u l-benefiċjarji finali ta' fondi tal-UE, għall-iskopijiet ta' kontroll u awditjar. L-informazzjoni dwar dawk li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw – direttament jew indirettament – mill-fondi tal-UE (inkluża d-*data* dwar is-sidien benefiċjarji) hija meħtieġa biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-UE u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) kontra l-frodi u l-irregolaritajiet.

**08** Għall-QFP 2021-2027 – fejn il-baġit jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża – u l-RRF, il-Kummissjoni diġà pproponiet li ttejjeb il-ġbir u l-interoperabbiltà tad-*data* mill-Istati Membri dwar ir-riċevituri ta' finanzjament mill-UE, inkluż dwar is-sjieda benefiċjarja. Madankollu, il-leġiżlazzjoni adottata ma tipprevedix l-użu obbligatorju tal-għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u l-punteġġ tar-riskju li għandha tiġi pprovduta

[3] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 (2020/L 433 I/28).

mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tipproponi li l-użu tagħha jsir obbligatorju għall-QFP li jmiss. Kif enfasizzajna fir-Rapport Speċjali tagħna dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE[4], jenħtieġ li l-għodda tagħmel użu wkoll minn *data* disponibbli f'diversi reġistri fil-livell nazzjonali u tal-UE li jkunu rilevanti għall-esklużjoni.

**09** Il-Kummissjoni tipproponi li jissaħħu s-sistemi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rispons għall-frodi permezz tar-reġistrazzjoni u l-ħżin elettroniċi obbligatorji tad-*data* dwar ir-riċevituri u l-benefiċjarji finali tal-fondi tal-UE (inklużi s-sidien benefiċjarji), u tal-integrazzjoni ta' din id-*data* f'sistema tal-IT unika, li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni, għall-estrazzjoni tad-*data* u l-punteġġ tar-riskju. L-aċċess għal din is-sistema ma jkunx illimitat għall-istituzzjonijiet li jimplimentaw il-Fondi, iżda jkun disponibbli wkoll għall-korpi investigattivi u ta' kontroll tal-UE (inklużi l-QEA, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)).

**L-opinjoni tal-QEA**

**10** Aħna nilqgħu l-intenzjoni li tinħoloq sistema tal-IT integrata unika għall-estrazzjoni tad-*data* u l-punteġġ tar-riskju, li l-aċċess għaliha jiġi estiż għall-korpi investigattivi u ta' kontroll tal-UE, u li jkun hemm il-possibbiltà li jsir aktar użu ta' għodod awtomatizzati u teknoloġiji emerġenti għal skopijiet ta' kontroll u awditjar. Tali sistema jkollha rwol importanti fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess li jaffettwaw il-fondi tal-UE. Madankollu, nissuġġerixxu li ma nistennewx sal-QFP li jmiss biex din issir obbligatorja.

**11** Il-proposta tiddeskrivi d-*data* speċifika li jenħtieġ li tiġi rreġistrata dwar ir-riċevituri u s-sidien benefiċjarji tar-riċevituri ta' fondi tal-UE[5]. Madankollu, il-firxa ta' riċevituri, li għalihom għandha tiġi rreġistrata u maħżuna d-*data*, mhijiex komprensiva daqs kif previst mir-regoli speċifiċi għas-settur fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża u fir-Regolament dwar l-RRF, billi ma tirreferix espliċitament għall-kumpaniji li jingħataw kuntratti ta' akkwist pubbliku ffinanzjati mill-UE.

**12** Barra minn hekk, fil-każ tal-ġestjoni kondiviża, id-*data* dwar ir-riċevituri finali ma tiġix trasferita lill-Kummissjoni u integrata fis-sistema tal-IT integrata unika. Dan minħabba li l-Kummissjoni tipproponi li t-tifsira ta' "riċevituri" ta' fondi tal-UE tiġi

---

[4] Ir-Rapport Speċjali 11/2022 – Protezzjoni tal-baġit tal-UE: Jeħtieġ li jsir użu aħjar mill-blacklisting.

[5] L-Artikolu 36(6).

ristretta[6]. Skont il-proposta, "ir-referenzi għar-riċevituri għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-benefiċjarji kif definit fir-regoli speċifiċi għas-settur". Għaldaqstant, din id-definizzjoni teskludi *data* dwar "riċevituri finali", li l-Istati Membri huma meħtieġa jiġbru skont regoli speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari għal strumenti finanzjarji. Jenħtieġ li din id-*data* tiġi trasferita mill-Istati Membri u rreġistrata fis-sistema tal-IT integrata unika.

## Akkwist pubbliku fil-livell tal-UE u esperti esterni remunerati

- Artikolu 153 – Sottomissjoni tad-dokumenti tal-applikazzjoni;
- Artikolu 164 – Prinċipji applikabbli għal kuntratti u kamp ta' applikazzjoni;
- Artikolu 169 – Akkwist interistituzzjonali, u akkwist konġunt, u akkwist f'isem l-Istati Membri; u
- Artikolu 144 – Ċaħda minn proċedura ta' aġġudikazzjoni.

**Sfond**

**13** Il-pandemija tal-COVID-19 kixfet il-ħtieġa li jkun hemm flessibbiltà akbar fil-proċeduri ta' akkwist fi żminijiet ta' kriżi. L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI) diġà ġie emendat biex tiġi introdotta aktar flessibblità f'dak li jikkonċerna l-akkwist (eż. l-akkwist konġunt), u l-Kummissjoni issa tipproponi livell simili ta' flessibbiltà fir-Regolament Finanzjarju. Dan jinkludi l-aġġornament tad-definizzjoni ta' kriżi biex tkopri sitwazzjonijiet ta' emerġenza tas-saħħa pubblika bħall-COVID-19. Il-proposta tkopri wkoll id-diġitalizzazzjoni ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku u ta' akkwist minn diversi sorsi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħmel proposti biex tindirizza l-problema li tħabbat wiċċha magħha fis-suq hi u tfittex li tirrekluta esperti esterni remunerati, u biex issaħħaħ id-dispożizzjonijiet rigward il-kunflitti ta' interess fil-qasam professjonali.

**L-opinjoni tal-QEA**

**14** B'mod ġenerali, aħna nilqgħu l-bidliet proposti. Madankollu, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għal għadd ta' punti.

**15** Għal kuntratti mogħtija minn delegazzjonijiet tal-Unjoni jew mogħtija esklużivament fl-interess ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni

[6] L-Artikolu 36(9). Din ir-ridefinizzjoni hija pprovduta wkoll fl-Artikolu 38 tal-proposta.

tipproponi li l-awtorità kontraenti titħalla tillimita l-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' applikazzjoni permezz ta' ittra għal mod wieħed biss fost dawk li huma meħtieġa s-soltu[7] (jew bil-posta/servizz ta' kurrier jew billi jitwasslu bl-idejn sa għand l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli). Din l-emenda ġġib magħha r-riskju li tillimita l-kompetizzjoni. Jenħtieġ li kwalunkwe restrizzjoni b'rabta mat-twassil permezz ta' ittra tkun iġġustifikata u ddokumentata sew.

**16** Ir-regoli dwar l-akkwist tar-Regolament Finanzjarju Ġenerali japplikaw direttament għal korpi taħt l-Artikolu 70 u għal sħubijiet pubbliċi u privati taħt l-Artikolu 71 (kif stipulat mill-qafas u r-regolamenti finanzjarji individwali tagħhom). Il-proposta tal-Kummissjoni[8] tiddikjara li l-"uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jiddependi biss fuq dikjarazzjoni ta' kriżi biex iniedi proċedura ta' akkwist jekk il-proċedura tkun iġġustifikata minn sitwazzjoni ta' urġenza estrema li tirriżulta mill-kriżi" u li d-dikjarazzjoni ta' kriżi tiddependi fuq "regoli interni rilevanti". Bħala tali, dikjarazzjoni ta' kriżi li ssir f'konformità ma' "regoli interni rilevanti" twassal għal settijiet li jvarjaw ta' regoli interni dwar id-dikjarazzjonijiet ta' kriżi fil-firxa sħiħa ta' korpi tal-UE. Dan joħloq riskju ta' applikazzjoni inkonsistenti.

**17** Bidla proposta oħra tippermetti l-inklużjoni ta' awtoritajiet kontraenti oħra min-naħa tal-awtorità li tkun tat bidu għall-proċedura ta' akkwist[9] f'każ ta' dikjarazzjoni ta' kriżi[10]. Mhuwiex speċifikat jekk l-awtoritajiet kontraenti kollha jeħtiġilhomx ikunu għamlu dikjarazzjoni ta' kriżi skont ir-regoli interni rilevanti tagħhom, jew jekk hijiex biss l-awtorità kontraenti ewlenija li teħtieġ tagħmel tali dikjarazzjoni. Jenħtieġ li jiġi kkjarifikat jekk huwiex meħtieġ approċċ ikkoordinat min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti parteċipanti.

**18** Aħna nilqgħu l-emenda proposta li tirrikjedi li l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jiċħad minn proċedura ta' aġġudikazzjoni lil parteċipant li jkollu interessi kunfliġġenti[11]. Nipproponu bidla minuri addizzjonali fl-Artikolu 144, ara l-***Anness***.

---

[7] L-Artikolu 153(5).

[8] L-Artikolu 164(6).

[9] L-Artikolu 169(1).

[10] Skont l-Artikolu 164(6).

[11] L-Artikolu 144(1).

## Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES)

- Artikolu 138 – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-identifikazzjoni tar-riskji, l-esklużjoni u l-impożizzjoni ta' penali finanzjarji;
- Artikolu 139 – Kriterji ta' esklużjoni u deċiżjonijiet dwar esklużjonijiet;
- Artikolu 142 – Id-durata tal-esklużjoni u l-perjodu ta' limitazzjoni;
- Artikolu 152 – Sistemi ta' skambju elettroniku; u
- Artikolu 153 – Sottomissjoni tad-dokumenti tal-applikazzjoni.

**Sfond**

**19** Il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' emendi estensivi u ddettaljati rilevanti għas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES), li kienet is-suġġett tar-"Rapport Speċjali tagħna dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE[12]". L-emendi rilevanti jikkonċernaw prinċipalment it-taqsima speċifika dwar l-EDES tar-Regolament Finanzjarju.

**L-opinjoni tal-QEA**

**20** Aħna nilqgħu l-emendi proposti li għandhom l-għan li jestendu l-EDES għall-ġestjoni kondiviża, li aħna rrakkomandajna fir-rapport speċjali tagħna. Nilqgħu wkoll il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li jiġu applikati arranġamenti ta' esklużjoni adegwati għall-programmi ta' nfiq taħt ġestjoni diretta, bħall-RRF, fejn l-Istati Membri huma l-benefiċjarji. Dawn l-emendi se joħolqu bażi ġuridika konsistenti għall-modi ta' ġestjoni kollha rigward it-trattament ta' evidenza ta' mġiba ħażina serja[13] li tkun waslet minn sorsi nazzjonali jew tal-UE[14]. Madankollu, l-ambitu għall-esklużjoni ta' kontropartijiet mhux affidabbli milli jirċievu fondi tal-UE se jibqa' akbar taħt il-ġestjoni diretta milli taħt il-ġestjoni kondiviża, u għaldaqstant, kontropartijiet li jinstabu li jkunu qegħdin f'sitwazzjoni ta' esklużjoni mhux se jiġu ttrattati b'mod konsistenti fil-modi ta' ġestjoni kollha kif irrakkomandajna fir-Rapport Speċjali tagħna dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE.

---

[12] Ir-Rapport Speċjali 11/2022 – Protezzjoni tal-baġit tal-UE: Jeħtieġ li jsir użu aħjar mill-blacklisting.

[13] L-Artikolu 139(1).

[14] L-Artikolu 138(2).

21 Aħna nilqgħu wkoll il-proposta għal proċedura ta' esklużjoni mħaffa[15], li skont il-Kummissjoni tkun tapplika għal każijiet li fihom ikun hemm sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva min-naħa ta' awtorità ta' Stat Membru jew pajjiż terz dwar imġiba ħażina serja, jew deċiżjoni ta' esklużjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew mill-Fond Ewropew tal-Investiment, fejn dawn l-organizzazzjonijiet ikollhom proċedura ekwivalenti. Skont il-Kummissjoni, l-iskop tal-emenda huwa li tipprovdi bażi ġuridika li fuqha tiġi żviluppata proċedura kontradittorja simplifikata mal-kontroparti għall-każijiet ikkonċernati. Nifhmu li l-proċedura kontradittorja simplifikata se tkun iddeterminata mill-Kummissjoni flimkien mal-Bord tal-EDES. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis li tiddeskrivi l-iskop tal-proċedura mħaffa fl-emenda proposta.

22 Aħna nosservaw u nilqgħu wkoll bidliet oħra li għandhom l-għan li jsaħħu l-EDES. Dawn huma relatati ma':

- l-inklużjoni ta' sidien benefiċjarji, affiljati u persuni b'responsabbiltajiet ta' ġestjoni tal-kontropartijiet esklużi[16], kif irrakkomandajna fir-Rapport Speċjali tagħna;
- il-kunflitt ta' interess bħala raġuni separata għall-esklużjoni (allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku)[17];
- ir-rifjut ta' kooperazzjoni f'investigazzjoni, kontroll jew awditu mwettaq minn korpi tal-UE (bħala raġuni espliċita għall-esklużjoni)[18];
- l-inċitament għad-diskriminazzjoni, il-mibegħda jew il-vjolenza[19];
- l-esklużjoni ta' garanti mhux affidabbli[20];
- il-preżunzjoni ta' notifika ta' ittra kontradittorja u deċiżjonijiet amministrattivi[21]; u

[15] L-Artikolu 139(8).

[16] L-Artikolu 138(2).

[17] L-Artikolu 139(1)(iv).

[18] L-Artikolu 139(1) u l-Artikolu 142.

[19] L-Artikolu 139(1)(vi).

[20] L-Artikolu 138(2).

[21] L-Artikoli 152 u 153.

- il-prova ta' miżuri ta' rimedju[22].

## Kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għal inizjattivi globali

- Artikolu 240 – Kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għal inizjattivi globali

**Sfond**

**23** Inizjattivi globali huma deskritti bħala fondi kollettivi b'diversi donaturi li jappoġġaw għan globali (eż. it-tibdil fil-klima, l-edukazzjoni, u l-ġlieda kontra l-AIDS). Il-Kummissjoni tqis li l-parteċipazzjoni f'dawn il-fondi hija l-aktar mod effettiv biex wieħed jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' politika ewlenin tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin jgħin fil-ġlieda kontra l-isfidi globali li tħabbat wiċċha magħhom il-komunità internazzjonali.

**24** Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-istruttura ta' governanza tal-istrumenti baġitarji eżistenti mhijiex adatta biex l-UE tikkontribwixxi għal inizjattivi globali stabbiliti, b'mod partikolari fejn l-UE tkun donatur minuri. F'tali każijiet, l-artikolu l-ġdid jipprevedi l-possibbiltà li ssir kontribuzzjoni għal inizjattiva mingħajr rabta diretta mal-ispejjeż jew ma' riżultati speċifiċi, iżda b'xi kundizzjonijiet speċifiċi marbuta.

**L-opinjoni tal-QEA**

**25** Fil-fehma tagħna, jekk il-kontribuzzjonijiet ma jintrabtux mal-ispejjeż imġarrba jew ma' riżultati speċifiċi, il-kapaċità tal-UE li tivverifika kif ikunu ntużaw il-fondi tagħha tkun limitata. Aħna nosservaw ukoll li l-Kummissjoni ma tipproponix definizzjoni ta' "inizjattiva globali".

**26** Inqisu li jenħtieġ li l-benefiċjarju tal-kontribuzzjoni kull sena jipprovdi lill-Kummissjoni biżżejjed informazzjoni dwar in-nefqa operazzjonali u amministrattiva tal-inizjattiva globali kkonċernata. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji, għall-awtorità tal-kwittanza, rapport annwali dwar ir-riskji ffaċċjati, u dwar il-kostefficjenza u l-kosteffettività ta' tali kontribuzzjonijiet, bil-ħsieb li tiġġustifika t-tkomplija jew l-interruzzjoni ta' tali kontribuzzjonijiet. Emenda proposta għall-Artikolu 240 hija inkluża fl-***Anness***.

[22] L-Artikolu 139(10).

## Teħid u għoti b'self

- Artikolu 52 – Preżentazzjoni tal-baġit

**Sfond**

**27** Il-Kummissjoni hija mitluba tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'mod regolari u komprensiv, dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija tagħha għall-ġestjoni tad-dejn[23]. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ddeċidew ukoll b'mod konġunt li, wara l-adozzjoni ta' NextGenerationEU (NGEU)[24], id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar dwar operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self "jiġu vvalutati u riveduti kif xieraq" bħala parti mir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Finanzjarju.

**28** Il-Kummissjoni tħejji diversi rapporti li jkopru tipi differenti ta' programmi ta' teħid b'self, obbligazzjonijiet u ġestjoni tat-teżor, madankollu r-rekwiżiti għal dan ir-rappurtar mhumiex stipulati b'mod preċiż. Hija ma tħejjix rapport regolari u komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn u l-ksib ta' objettivi f'dak li jikkonċerna l-ġestjoni tad-dejn b'rabta mal-NGEU u programmi oħra tal-UE għat-teħid b'self. Eżempji ta' dawn l-objettivi jinkludu t-teħid b'self ta' fondi bl-aktar spiża baxxa possibbli fuq medda medja u twila, u ż-żamma ta' livell prudenti ta' riskju.

**29** Il-proposta tal-Kummissjoni[25] tistabbilixxi li l-abbozz ta' baġit jenħtieġ li jinkludi "ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-operazzjonijiet ta' għoti u ta' teħid b'self".

**L-opinjoni tal-QEA**

**30** Aħna nilqgħu l-għan tal-Kumissjoni li ttejjeb id-dokumentazzjoni baġitarja dwar l-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self. Madankollu, l-iskop u l-kontenuti tal-"ħarsa ġenerali komprensiva" proposta mhumiex ċari, b'mod partikolari dwar jekk hijiex se tkopri jew le l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn. Barra minn hekk, mhuwiex ċar kif l-informazzjoni fil-"ħarsa ġenerali komprensiva" se tvarja minn dik li għandha tiġi pprovduta dwar "l-operazzjoni[jiet] kapitali kurrenti u l-immaniġġjar tad-dejn" taħt l-Artikolu 52(1)(d)(iii). Mhuwiex ċar x'se jkun il-valur

---

[23] L-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2053 (ORD).

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill COM(2020) 441 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19.

[25] L-Artikolu 52(1)(d)(iii).

miżjud ta' ħarsa ġenerali addizzjonali, minħabba li diġà hemm bosta rapporti li jipprovdu ħarsiet ġenerali lejn l-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self.

**31** Ħarsa ġenerali addizzjonali lejn l-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self ma tindirizzax in-nuqqas ta' rappurtar komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn u l-ilħuq ta' objettivi f'dak li jikkonċerna l-ġestjoni tad-dejn b'rabta mal-NGEU u programmi oħra tal-UE għat-teħid b'self. Il-fatt li din l-informazzjoni mhijiex disponibbli jimplika li l-obbligu ta' rendikont tal-Kummissjoni għal uħud mill-objettivi f'dak li jikkonċerna l-ġestjoni tad-dejn se jibqa' mhux ċar.

## Rappurtar dwar strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji

- Artikolu 41 – Abbozz ta' baġit; u
- Artikolu 250 imħassar – Rapport annwali dwar l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-assistenza finanzjarja

**Sfond**

**32** Ir-Regolament Finanzjarju jimponi għadd ta' obbligi ta' rappurtar fuq il-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna l-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-Fond ta' Proviżjonament Komuni (CPF). Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tissimplifika r-rappurtar dwar l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.

**L-opinjoni tal-QEA**

**33** Il-Kummissjoni tipproponi, fost bidliet oħra, li jitneħħa l-Artikolu 250, li jipprevedi t-tfassil ta' rapport li jinkludi informazzjoni bħal sommarju tal-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi, li attwalment imkien ieħor ma jsir rappurtar dwarha. Il-motivazzjoni tal-Kummissjoni wara t-tneħħija tal-Artikolu 250 hija pjuttost biex jiġi ppreżentat rappurtar komprensiv dwar l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji fid-dokumenti ta' ħidma mehmuża mal-abbozz ta' baġit u mħejjija skont l-Artikoli 41(4) u 41(5).

**34** Jekk jieqaf jitfassal ir-rapport skont l-Artikolu 250 jinħoloq ir-riskju li d-*data* aggregata dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE li jirriżultaw mill-garanziji baġitarji u mill-assistenza finanzjarja ma tiġix irrappurtata sal-istess livell. Ir-rapport imfassal skont l-Artikolu 250 jipprovdi stampa ġenerali tal-iskopertura totali għar-riskju u tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-UE, kif ukoll analiżi tal-obbligazzjonijiet kontinġenti skont il-kategorija: il-garanziji baġitarji u l-assistenza finanzjarja lill-Istati

Membri u lill-pajjiżi terzi. Jipprovdi wkoll valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE. Bħalissa, ir-rapport imfassal skont l-Artikolu 250 huwa l-uniku wieħed li jippreżenta t-tipi kollha ta' obbligazzjonijiet kontinġenti u l-ammonti totali. Fid-dawl taż-żieda fid-daqs u fl-importanza tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE[26], aħna nissuġġerixxu li jinżamm ir-rekwiżit ta' rappurtar skont l-Artikolu 250 tar-Regolament Finanzjarju. Alternattivament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-kontenut tar-rapport imfassal skont l-Artikolu 250 jiġi integrat għalkollox f'rapport ieħor disponibbli għall-pubbliku.

## Proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-Unjoni li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku

- Artikolu 137 – Protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku.

**Sfond**

**35** Il-Kummissjoni biħsiebha tistabbilixxi qafas orizzontali għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-Unjoni fejn il-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha hija neċessarja. Għal dan l-iskop, id-dispożizzjoni l-ġdida proposta tipprovdi għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi għall-entitajiet li jipparteċipaw fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-Unjoni, li jikkonċernaw is-sigurtà u l-ordni pubbliku. Hija tipprovdi wkoll ir-regoli u l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

**L-opinjoni tal-QEA**

**36** Aħna nemmnu li l-modifiki proposti li jistabbilixxu "kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni tal-Unjoni li jikkonċernaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku" huma konformi mal-iżviluppi fil-qasam, pereżempju r-Regolament tal-2019 dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin (FDI)[27], li jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiskrutinizzaw dawk l-FDIs li x'aktarx jaffettwaw is-sigurtà u l-ordni pubbliku.

---

[26] Ara l-Kapitolu 2 tar-Rapport Annwali 2021 tal-QEA.

[27] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni.

**37** Madankollu, ir-Regolament dwar l-iskrinjar tal-FDI jiddeskrivi s-sitwazzjonijiet li jirriżultaw fi tħassib għas-"sigurtà u l-ordni pubbliku"[28], li mhuwiex il-każ fil-proposta. Nemmnu li dan jaf iwassal għal applikazzjoni inkonsistenti tar-regola. Għaldaqstant nissuġġerixxu li tinħareġ gwida komprensiva għall-implimentazzjoni.

**38** Barra minn hekk, il-proposta tiddikjara li fejn ma tkun meħtieġa ebda deċiżjoni ta' finanzjament, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jiddeċiedi jekk proċedura ta' aġġudikazzjoni speċifika hijiex affettwata minn kunsiderazzjonijiet b'rabta mas-sigurtà u l-ordni pubbliku[29]. Aħna nissuġġerixxu li jkun tajjeb li l-gwida komprensiva għall-implimentazzjoni tistabbilixxi l-bażi li fuqha l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jenħtieġ li jieħu tali deċiżjoni.

## Bidliet mixxellanji

**Sfond**

**39** Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi għadd ta' bidliet mixxellanji li ma ġewx ippreżentati f'dokument informali speċifiku. Dawn jikkonċernaw is-suġġetti prinċipali tar-riformulazzjoni kif deskritt fil-paragrafu ***02***.

### Artikolu 25 – Donazzjonijiet

**Sfond**

**40** L-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jaċċettaw donazzjonijiet. Madankollu, id-donazzjonijiet ta' 'l fuq minn EUR 50 000 li jinvolvu spejjeż li jaqbżu l-10 % tad-donazzjoni jridu jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Bħala eżempju, dawk l-ispejjeż jaf ikunu marbuta mat-trasport u d-distribuzzjoni ta' vaċċini mogħtija b'donazzjoni. Fid-dawl tal-esperjenzi tagħha matul il-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni tipproponi li titħassar il-ħtieġa għal awtorizzazzjoni min-naħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal donazzjonijiet *in natura* li jaqbżu l-EUR 50 000[30] f'ċirkustanzi eċċezzjonali fl-oqsma tal-għajnuna umanitarja, l-appoġġ ta' emerġenza, il-protezzjoni ċivili jew l-għajnuna għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

---

[28] L-Artikolu 4: "fatturi li jistgħu jiġu kkunsidrati biex jiġi ddeterminat jekk l-investiment dirett barrani aktarx li jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku".

[29] L-Artikolu 137(2).

[30] L-Artikolu 25(3).

**L-opinjoni tal-QEA**

**41** Aħna nissuġġerixxu li sabiex tinżamm it-trasparenza, jenħtieġ li r-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-użu tal-eċċezzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## Artikolu 33 – Prestazzjoni u prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja

**Sfond**

**42** Il-Kummissjoni tipproponi li l-programmi u l-attivitajiet jenħtieġ li jiġu implimentati b'tali mod li jintlaħqu l-objettivi tagħhom mingħajr ma ssir ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali, bħat-tibdil fil-klima, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u l-adattament għalih, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma, u l-prevenzjoni tat-tniġġis[31].

**L-opinjoni tal-QEA**

**43** Aħna nilqgħu l-bidla introdotta kif irrakkomandajna fir-Rapport Speċjali 22/2021 tagħna – Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli. L-impatt ta' din l-emenda se jiddependi minn kif se tiġi interpretata l-formulazzjoni "ħsara sinifikanti" fil-leġiżlazzjoni settorjali u kif se tiġi vvalutata fil-prattika.

## Artikolu 252 – Approvazzjoni tal-kontijiet konsolidati finali

**Sfond**

**44** Il-Kummissjoni tipproponi li d-dati ta' skadenza għall-QEA biex tibgħat l-osservazzjonijiet dwar il-kontijiet proviżorji jenħtieġ li jitressqu 'l quddiem b'xahar. Hija tipproponi wkoll li l-QEA tintalab tadotta l-opinjonijiet tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju.

**L-opinjoni tal-QEA**

**45** Il-Kummissjoni tiġġustifika t-tressiq 'il quddiem tad-dati ta' skadenza minħabba li dawn diġà jiġu rispettati fil-prattika. Filwaqt li huwa minnu li l-QEA tikkomunika permezz ta' ittra l-eżitu tal-ħidma tagħha fuq il-kontijiet sal-31 ta' Lulju, jiġifieri qabel

[31] L-Artikolu 33(2)(d).

il-pubblikazzjoni tal-opinjoni tagħha, li normalment issir f'Ottubru, hija ma għamlitx hekk għall-korpi l-oħra msemmija fl-Artikolu 247.

**46** Fl-istess ħin, id-dati ta' skadenza għall-Kummissjoni u l-korpi l-oħra[32] biex jgħaddu l-kontijiet proviżorji lill-QEA jibqgħu l-istess (il-31 ta' Marzu u l-1 ta' Marzu, rispettivament).

**47** Din il-proposta tirrappreżenta bidla sinifikanti għall-QEA. Dan hu l-każ speċifikament għall-awditjar tagħha tal-korpi tal-Unjoni skont l-Artikoli 70 u 71 minħabba l-għadd tagħhom. Il-proposta tnaqqas b'xahar iż-żmien disponibbli għall-QEA biex twettaq l-awditjar tal-kontijiet. Dan ikun jipperikola s-suffiċjenza u l-kwalità tal-bażi għad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni. Id-dati ta' skadenza iqsar jinvolvu wkoll is-separazzjoni tal-iskeda ta' żmien għall-awditjar tal-kontijiet mill-iskeda ta' żmien għall-awditjar tal-legalità u r-regolarità. Dan ikompli jaffettwa l-fattibbiltà li nwettqu x-xogħol tal-awditjar tagħna u l-proċeduri kontradittorji sad-dati ta' skadenza stabbiliti.

**48** Għaldaqstant, aħna nqisu li l-modifika proposta jenħtieġ li ma ssirx bħalissa. Minflok, nissuġġerixxu l-istabbiliment ta' djalogu bejn il-Kummissjoni u l-QEA biex jiġi żviluppat approċċ realistiku għar-rieżaminar tad-dati ta' skadenza, li jista' jiġi introdott waqt ir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Finanzjarju.

Din l-opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

[32] L-Artikolu 245 attwali tar-Regolament Finanzjarju.

# Anness

## Bidliet proposti

Fit-*Tabella 1*, nippreżentaw bidliet speċifiċi ssuġġeriti u kummenti li jikkonċernaw il-proposta tal-Kummissjoni. It-*Tabella 2* tinkludi emendi inqas importanti li huma ssuġġeriti iżda mhux imsemmija fl-opinjoni nnifisha.

### Tabella 1 – Bidliet diskussi fl-opinjoni

| Test tal-proposta | Bidla ssuġġerita | Kummenti |
|---|---|---|
| 240(2) Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għal inizjattivi globali għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin, filwaqt li titqies in-natura tal-finanzjament tal-Unjoni:<br>(i) […];<br>(ii) […];<br>(iii) […];<br>(iv) […];<br>(v) […].<br>Jekk ikun hemm każijiet suspettati ta’ irregolaritajiet serji bħal frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta’ interess, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, l-UPPE fir-rigward ta’ dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f’kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri għandhom jagħmlu użu mir-regoli tal-inizjattiva biex jitolbu informazzjoni addizzjonali u jwettqu missjonijiet konġunti ta’ awditjar, kontroll jew investigazzjoni mal-korp rilevanti fl-ambitu tal-inizjattiva, f’konformità mal-Artikolu 129.<br>(3) […].<br>(4) […]. | 240(2) Il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għal inizjattivi globali għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin, filwaqt li titqies in-natura tal-finanzjament tal-Unjoni:<br>(i) […];<br>(ii) […];<br>(iii) […];<br>(iv) […];<br>(v) […];<br>(vi) ir-regoli tal-inizjattiva għandhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-awditjar tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif previst mill-Artikolu 287 TFUE.<br>Jekk ikun hemm każijiet suspettati ta’ irregolaritajiet serji bħal frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta’ interess, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, l-UPPE fir-rigward ta’ dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f’kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 **u** l-OLAF ~~u l-Qorti tal-Awdituri~~ għandhom jagħmlu użu mir-regoli tal-inizjattiva biex jitolbu informazzjoni addizzjonali u jwettqu missjonijiet konġunti ta’ awditjar, kontroll jew investigazzjoni mal-korp rilevanti fl-ambitu | |

| Test tal-proposta | Bidla ssuġġerita | Kummenti |
| --- | --- | --- |
| | tal-inizjattiva, f'konformità mal-Artikolu 129.<br><br>(3) […].<br><br>(4) […].<br><br>(5) kull sena l-Kummissjoni se tirċievi mill-entità benefiċjarja biżżejjed informazzjoni dwar in-nefqa operazzjonali u amministrattiva tal-inizjattiva globali kkonċernata.<br><br>(6) il-Kummissjoni se tħejji, għall-awtorità tal-kwittanza, rapport annwali dwar ir-riskji ffaċċjati, u dwar il-kosteffiċjenza u l-kosteffettività ta' tali kontribuzzjonijiet, bil-ħsieb li tiġġustifika t-tkomplija jew l-interruzzjoni ta' tali kontribuzzjonijiet. | |

## Tabella 2 – Bidliet proposti oħra

| Test tal-proposta | Bidla ssuġġerita | Kummenti |
|---|---|---|
| 38(1) (l-aħħar subparagrafu):<br><br>"L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni meta jimplimentaw il-baġit skont l-Artikolu 59(1)" | "L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni meta jimplimentaw il-baġit skont l-Artikolu 59(1)" | Dan jirrepeti punt li sar fl-ewwel subparagrafu bħala emenda. |
| 144(1)(d) ikollu interessi kunfliġġenti li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-attwazzjoni tal-kuntratt skont il-punt 20.6 tal-Anness I. | (d) ikollu interessi **professjonali** kunfliġġenti li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-attwazzjoni tal-kuntratt skont il-punt 20.6 tal-Anness I. | Allinjament mad-definizzjoni l-ġdida ta' "interessi professjonali kunfliġġenti" fl-Artikolu 2. |
| 158(4)(c) huma soġġetti għal awditu indipendenti estern, imwettaq skont l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment minn servizz tal-awditjar funzjonalment indipendenti mill-persuna jew entità kkonċernata; | huma soġġetti għal awditu indipendenti estern, imwettaq skont l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment minn servizz tal-awditjar ~~funzjonalment indipendenti mill-persuna jew entità kkonċernata~~; | "funzjonalment indipendenti mill-persuna jew entità kkonċernata" hija żejda peress li fil-bidu tas-sentenza tintuża "indipendenti estern". |
| 158(6). F'azzjonijiet b'diversi donaturi, li fihom il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tirrimborża n-nefqa, il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4 għandha tikkonsisti… | 158(6). F'azzjonijiet b'diversi donaturi, li fihom il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tirrimborża n-nefqa, il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4 **tal-Artikolu 159** għandha tikkonsisti… | Aħna osservajna li l-Artikolu 158(6) huwa l-istess bħal 159(7). Madankollu, ir-referenza għall-paragrafu 4 mhijiex korretta f'dan il-każ, u jenħtieġ li tinbidel għal 159(4). |